MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 387/1994/1

**Francis Busuttil**

**Vs**

**Sammy Meilaq ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Drydocks**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur huwa mpjegat bhala *Slinger* mal-Korporazzjoni konvenuta;

Premess illi, f'incident li gara fid-29 ta' Marzu 1991, ghall-habta ta' l-10:30 p.m. fuq il-post tax-xoghol, cioe` fil-Malta Drydocks, fejn l-attur kien dettaljat biex jahdem mill-

Korporazzjoni konvenuta, waqt il-hin tax-xoghol u matul il-qadi tad-doveri tieghu, l-attur sofra danni konsistenti f'feriti estensivi fuq il-persuna li b'konsegwenza taghhom tilef xoghol u sofra debilita permanenti u danni ohra konsegwenzjali, kif indikat dettaljatament fl-annessi certifikati – Dokumenti "A", "B", "C" u "D";

Premess illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali huwa responsabbli unikament il-konvenut *nomine*, minhabba li naqas li jiehu dawk il-mizuri u dawk il-prekawzjonijiet necessarji li setghu evitaw l-incident in kwistjoni;

Premess illi l-istess konvenut *nomine* naqas ukoll milli jaghmel dawk ix-xoghlijiet ta' manutenzjoni fuq l-apparat, li huma necessarji u intizi biex jigu evitati incidenti bhal dak in kwistjoni, u minhabba dan in-nuqqas ta' manutenzjoni, il-konvenut *nomine* ghandu wkoll jirrispondi unikament ghall-imsemmi incident;

Premess illi, ghalkemm interpellat biex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur, anke permezz ta' ittra ufficjali tat-3 ta' Lulju 1992, il-konvenut *nomine* baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut *nomine* unikament responsabbli ghall-incident fuq riferit, li gara fid-29 ta' Marzu 1991, waqt il-hin tax-xoghol, f'liema incident l-attur sofra danni fuq il-persuna, u kwindi tiddikjara lill-konvenut *nomine* responsabbli wkoll ghall-istess danni;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b'konsegwenza ta' l-imsemmi incident, anke permezz ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-istess konvenut *nomine* jhallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata, bl-interessi kummercjali mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Lulju 1992, sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-3 ta’ Lulju 1992, kontra l-konvenut *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-konvenut *nomine* ma jahti bl-ebda mod ghall-incident indikat mill-attur u konsegwentement ma huwa responsabbli ghal ebda danni konsegwenzjali li seta’ sofra l-attur;

2. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit u irrispettivament mill-kwistjoni tar-responsabilita` l-attur kien gie offert kumpens taht il-Personal Accident Policy vigenti fil-Malta Drydocks pero` dan irrifjutha, u ghalhekk il-konvenut *nomine* m’ghandux ibaghti spejjez f’dawn il- proceduri;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tas-6 ta’ Gunju 1994 li permezz tieghu gie nominat bhala perit legali Dr. Joseph Micallef Stafrace biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet moghti fit-12 ta’ Mejju 1997, wara talba ta’ l-istess perit legali biex jirrinunzja ghan-nomina minhabba cirkostanzi li jaghmluha inkompatibbli ghalih li jkompli bl-inkarigu, liema talba giet milqugha;

Rat in-noti pprezentati mill-abbli difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Din hi azzjoni tendenti ghar-rizarciment ta' danni subiti mill-attur, impjegat tat-Tarzna, fuq il-post tax-xoghol. F'azzjoni bhal din l-attur jehtieglu jipprova l-fatt dannuz, l-imputabilita` ta' dan il-fatt ghal min ikun ikkagunalu d-danni, u l-event dannuz emergenti minn dan l-istess fatt. Il-Qorti ghalhekk jehtiegilha tezamina attentament il-provi biex tara jekk l-attur iddisimpenjax ruhu biex jissodisfa dawn l-elementi u fuq kollox u fl-ewwel lok irnexxielux jipprova konkludentement il-gustifikazzjoni li hu javanza biex jakkolla l-htija fuq il-konvenut *nomine*;

Ma jidhirx illi jezisti diverbju bejn il-partijiet illi l-incident in ezami sehh kawza ta' difett li zviluppa fic-*chain block* li kien qed jintuza biex *cooler* ta' vapur jitqieghed fil-post li kien indikat. Fil-kors ta' din l-operazzjoni tqaccat il-*pin* tac-*chain block* (xhieda Joseph Grima, fol. 77) u l-*cooler* spicca biex waqa' fuq l-attur u laqat impjegat iehor. Jinghad li l-*pin* ma tqaccatx bil-piz tal-*cooler* ghax "fil-fatt kien *chain block* ta' hames tunnellati u l-*cooler* kien taht it-tunnellata" (deposizzjoni Joseph Bonnici, fol. 79);

Indipendentement minn fatturi ohra li jigu konsiderati aktar 'il quddiem gie suggerit illi l-korriment seta' gie evitat kieku l-attur ma qaghadx taht il-*cooler* meta dan kien qed jigi merfugh. Ix-xhud Joseph Gravina (fol. 102) jwiegeb li hi n-norma li wiehed ma joqghodx taht oggett li qed jittella' imma pero` trid tqis ic-cirkostanzi. L-ispjegazzjoni ta' dawn ic-cirkostanzi joffriha x-xhud Mario Gatt (fol. 104) fis-sens illi f'dan il-kaz bilfors wiehed ikollu joqghod taht ix-xoghol biex timmaniggjah. Fi kliemu "f'dan il-kaz ix-xoghol kien jitlob hekk", gjaladarba huma kienu qed jahdmu fl-*engine room* tal-vapur hdejn il-makna u "il-*cooler* kien intiz biex ikessah il-makna.";

Il-konvenut *nomine* jibbaza l-linja difensjonali tieghu li ma kienx in kolpa ghas-sinistru fuq zewg konsiderazzjonijiet:-

(a) li c-*chain block* li ntuzat ma kienetx wahda pprovduta mit-Tarzna izda kienet tal-vapur;

(b) *dato ma non concesso* li kienet tat-Tarzna l-makkinarju u attrizzi ad uzu tal-haddiema dejjem jinzammu bid-debiti ripari, u sahansitra jigu ezaminati u ttestjati minn nies kwalifikati;

Fuq l-ewwel punt jidher car li tezisti divergenza ta' fehmiet minn skrutinju tal-provi u evalwazzjoni tax-xhieda;

Mill-banda l-wahda hemm l-affermazzjoni certa f'bosta testimonjanzi ta' diversi xhieda illi c-*chain block* in kwistjoni kien jappartjeni lit-Tarzna u minnha provdut fuq il-lant tax-xoghol. Ara deposizzjonijiet ta' l-attur (fol. 98), ta' Joseph Bonnici, mghallem ta' l-i*slingers* (fol. 88), u Mario Gatt (fol. 103). Ohrajn bhal Joseph Camilleri (fol. 109) u Godfrey Borg (fol. 113) jghidu li ma jafux jekk dan l-apparat kienx tat-Tarzna jew ta' abbord. Izda f'kaz li kien ta' abbord allura kien zball li meta sehh l-incident ma ntalabx ic-certifikat tieghu minghand il-kaptan jew ic-*chief officer*;

Mill-banda l-ohra hemm ukoll l-accertazzjoni tax-xhieda prodotta mill-konvenut *nomine* li c-*chain block* li kienet qed tintuza u li taghha ttiehdu r-ritratti, esebiti fil-process a fol. 64, ma kienetx ic-*chain block* bin-numru ZZ65 li kienet proprjeta` tat-Tarzna. Is-*safety manager* Joseph Saliba (fol. 117) jistqarr li c-*chain block* partikulari ma kelliex *reference tally* u bhalha abbord kien hemm ohra. Hekk ukoll jinghad fir-rapport dwar l-incident redatt minn Joseph Dalli (esebit a fol. 68). Mill-prova tar-ritratti, li fuqhom strah bosta l-konvenut *nomine*, hemm id-deposizzjonijiet ta' Carmelo Cachia (fol. 96) u ta' Joseph Camilleri (fol. 106). Dan ta' l-ahhar ghall-ewwel jghid li c-*chain block* fir-ritratt ma kienetx dik tad-ditta Felco bin-numru ZZ65, pero` f'seduta sussegwenti jaccetta illi fic-cirkostanzi din ic-*chain block* partikolari ma setghetx kienet ta' abbord

ghax "dawk li jinzlu min abbord kienu jkunu ta' tunnellagg izghar, li tingarr minn persuna wahda u mhux bhal tar-ritratt." Effettivament, skond Victor Forte (fol. 115) ir-ritratt li jghid li ha tac-*chain block* ingibed fis-*slingers store* tal-*fitters.*

Rinfaccjata b'dawn il-verzjonijiet il-Qorti jehtiegilha tara liema wahda minnhom hi l-aktar attendibbli fuq il-bazi tal-probabilitajiet li f'sede civili tibbasta;

Jidher li r-*reference tally* mhix necessarjament *sine qua non* prova ta' l-appartenenza taghha. Dan ghaliex jirrizulta mill-korp tal-provi illi fit-Tarzna gieli thallew apparati minn tal-vapuri u dawn kienu jintuzaw regolarment mill-haddiema taghha. Dan seta' kien hekk anke f'dan il-kaz. *Ex concessis* ix-xhud Joseph Camilleri jistqarr dan: "Bhala Dock numru 1 gieli kien hemm bhalha li thalliet minn abbord ... u dawn nuzawhom u nittestjawhom u naghtuhom lic-Centru koncernat" (fol. 105);

Meta wiehed iqis li skond kif xehed Joseph Gravina "ic-*chain blocks* jipprovdihom l-imghallem fuq il-post tax-xoghol" (fol. 77) u li rrizulta li kien hemm aktar minn *chain block* wahda fix-xoghol partikolari li kien qed isir dakinhar ta' l-incident (xhieda Joseph Bonnici, fol. 87), il-probabilita` hi li fuq il-vapur kienu qed jintuzaw *chain blocks* li ghalkemm apparentement ma kienux originarjament akkwistati mit-Tarzna, eppure kienu qed jintuzaw regolarment minnha, anke jekk talvolta setghu thallew ghandha precedentement minn xi vapur jew vapuri. Effettivament ic-*chain block* meritu ta' l-incident ghadha in uzu ghand l-istess Tarzna. Ara xhieda ta' Carmelo Cachia, *Departimental Manager* fit-Tarzna, fol. 96;

Stabbilit ghalhekk illi c-*chain block* li korriet lill-attur kienet wahda li tintuza mit-Tarzna u kienet fil-fatt qed tintuza wkoll dakinhar ta' l-incident u li l-attur u shabu l-ohra sabu gja armata fuq il-lant tax-xoghol meta bdew ix-*shift* taghhom, hu bil-wisq ovvju illi l-attur ma kellux ghazla ohra hlief li jaghmel uzu minnha fil-qadi ta' dmirijietu. Ma kienx

certament f'posizzjoni li jiddubita mis-sikurezza ta' l-apparat. Dan ghaliex, kif gja ravvizat ic-*chain block* kien jiflah il-piz tal-*cooler* li kellu jitqandel. Jekk tqaccat il-*pin* ghar-ragunijiet inspjegabbli, gjaladarba dan ma nstabx, dak li hu cert pero` hu li dan ma sehhx minhabba xi att jew ommissjoni da parti ta' l-attur;

Irid ghalhekk issa jigi ezaminat jekk il-fatti pozittivi stabbiliti mill-provi processwali jwasslux ghal xi addebiti ta' htija, o meno, tal-konvenut *nomine*;

Il-ligi taghna in materja giet zviluppata mill-Qrati taghna fi skorta ta' decizjonijiet u in partikolari l-obbligu impost mil-ligi u r-regolamenti fuq min ihaddem biex jipprovdi sistema sikura ghall-impjegati tieghu. B'dan wiehed jifhem illi kull min ihaddem kellu jsegwi r-regolamenti dwar l-iskansar mill-infortunji fuq il-post tax-xoghol billi jipprovdi sistema tali li tassigura illi x-xoghol isir bil-galbu, minghajr pressjoni zejda, bi trankwillita` u, fuq kollox, b'responsabilita` u b'mezzi idonei. Mhux hekk biss in kwantu jehtieg li jkun assikurat li dawn l-istess mezzi (makni, apparati, ghodod, ecc.) ikunu l-hin kollu mantenuti fi stat li jibqghu "*safe*". Ghax "xejn ma jiswa li l-impjegat li korra kien talvolta imprudenti jekk il-makkinarju ma kienx mizmum bid-debiti ripari u prekawzjonijiet ohra; ghaliex dawn ir-ripari u prekawzjonijiet huma intizi precizament biex jiskonguraw il-konsegwenza ta' din l-imprudenza" ("**Il-Pulizija -vs- Pawlu Spiteri**", Vol. XLV P IV p 984);

Gie hekk in fatti puntwalizzat f'wahda minn dawn id-decizjonijiet, l-aktar recensjuri:-

"Kien l-obbligu ta' kull min ihaddem illi perjodikament jivverifika l-kondizzjoni ta' l-attrezzi u l-makkinarju tax-xoghol li bih l-impjegati jkunu mistennija li jahdmu u dan b'mod kompetenti minn persuni kwalifikati. In-nuqqas ta' min ihaddem f'dan ir-rigward jirrendih responsabbli ghall-incidenti li setghu jigu minhabba traskuragini u negligenza tieghu li jassigura li l-impjegati li jhaddem joperaw f'ambjent li wiehed ragjonevolment kellu jqis li hu sikur. Il-manutenzjoni tal-ghodda u ta' l-apparat ta' xoghol ma setghatx tigi mhollija ghall-eventwalita` li jsehh xi incident

sfortunat. Kellha tkun politika rikonoxxuta ta' min ihaddem illi regolarment u b'kompetenza jaghmel dak li hu mehtieg, biex sa fejn kien ragjonevolment possibbli, l-ghodda li bihom il-haddiem kien mistenni jahdem - u dan fis-sens wiesa' tal-kelma - ikunu idoneji, adegwati u sewwa protetti minn kull riskju. L-insenjament fil-kawza fl-ismijiet "**John Sultana -vs- Francis Spiteri et noe**", deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-28 ta' Mejju 1979, fost ohrajn, illi min ihaddem kellu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragjonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem kien wiehed li kellu jigi segwit u applikat f'kawza tax-xorta taht ezami." - "**Carmelo sive Charles Galea -vs- Albert Mizzi et *nomine***", Appell, 23 ta' April 2001;

Dan il-gudikat jirrispondi tajjeb ghal precizazzjoni tal-grad tal-kolpa li ggib ir-responsabilita ghad-danni u n-ness tal-kawzalita bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza. F'materja ta' danni akkwiljani l-principju jibqa' dak dettat mill-istess ligi u cioe` li hu ritenut in kolpa min ma juzax il-prudenza, diligenza u attenzjoni ta' *bonus paterfamilias* (Artikolu 1032(1), Kodici Civili);

Ghall-obbligu ta' min ihaddem li jipprovdi '*a safe system of work*' ghal dik li hi supervizjoni u adegwatezza ta' l-atrezzi jikkorrispondi l-obbligu ta' min jahdem illi xoghlu jikkonducih "b'diligenza u b'attenzjoni b'mod li ma jipprovakax hu stess incidenti illi bi ftit attenzjoni u galbu setghu jigu evitati" ("**Carmelo Micallef et -vs- John Pisani et noe**", Appell, 5 ta' Ottubru 2001);

Il-provi analizzati ma jwasslux sal-punt li jista' jinghad b'konvinzjoni illi l-attur kien b'mod kolpevoli lanqas f'dak l-aspett, accentwat mill-konvenut *nomine*, illi hu ma kellux ikun fejn kien meta l-*cooler* kien qed jigi alzat, gjaladarba n-natura tax-xoghol f'dak il-mument hekk kienet tinnecessita`;

Konsegwentement in bazi ghal konsiderazzjonijiet kollha suesposti din il-Qorti ssib li ghall-incident *de quo* l-konvenut *nomine* kien fi htija ghall-griehi personali konsiderevoli subiti mill-attur f'dan l-istess incident;

Jifdal ghalhekk li jigu likwidati d-danni hekk sofferti. In subjecta materja gew ventilati mill-gurisprudenza taghna matul iz-zminijiet bosta prepozizzjonijiet u adozzjonijiet ta' kriterji, anke ghaliex, kif tajjeb senjalat fid-decizjoni "**Carmelo Grech et noe -vs- Michael Azzopardi**", Prim' Awla, 8 ta' Jannar 1947, il-kliem tal-ligi (Artikolu 1045, Kap. 16) "juri l-meta bla ma juri t-triq sabiex bniedem jasal ghaliha ...";

Dan ifisser illi l-ligi qed thalli fid-diskrezzjoni guridika u morali tal-gudikant biex tigi ffissata s-somma li ghandu jircievi d-danneggjat ("**Joseph Borg -vs- Dr. Arturo Valenzia noe**", Prim' Awla, 9 ta' Gunju 1972);

In linea generali l-Qrati ghadhom jaddottaw il-principji gwida stabbiliti fid-decizjoni klassika "**Butler -vs- Heard**", Prim' Awla, 28 ta' Frar 1967, temprata bl-izvilupp innovattiv li jikkonsidra l-aspett tal-hajja lavorattiva ta' dak li jkun, almenu sa l-eta` pensjonabbli. ("**Emanuel Agius -vs- Joseph Galea et**", Qorti Kummerc, per Imhallef. G. Mifsud Bonnici, 11 ta' Lulju 1989; "**Vincent Axisa -vs- Alfred Fenech et**", Prim' Awla, 16 ta' April 1991). B'danakollu l-Qorti ta' l-Appell kellha okkazjoni recentement tammonixxi illi "anke hawn il-kriterju hu ghal kollox wiehed riskjuz u aleatorju, semplicement ghax wiehed ma jistax jivvizwalizza l-futur, u c-*chances and changes* tal-hajja huma tant varji li hu difficli ferm li wiehed jistabilixxi kriterji oggettivi li fuqhom kull kaz kellu jigi modellat" - "**Lawrence Caruana -vs- Anthony Falzon**", 5 ta' Ottubru 2001;

Flimkien mal-konsiderazzjoni tal-hajja lavorattiva jridu jigu valutati certi cirkostanzi u aspetti ohra, bhac-*chances* u c-*changes* tal-hajja, il-fatt li haddiem ma jibqax jaghmel l-istess tip ta' xoghol minhabba l-kwalita` ta' strapazz u fatturi ohra konkomitanti ghal dawn l-aspetti. Ara "**Emmanuel Agius -vs- Mario Borg**", Appell, 22 ta' Novembru 1995. Il-Qorti ser tikkonsidra dawn ic-cirkostanzi fil-komputazzjoni li ser taghmel aktar 'il quddiem;

Naturalment "il-Qorti ser tillimita l-konsiderazzjonijiet taghha ghall-kwalifikazzjoni tad-danni attwalment sofferti mid-danneggjat bhala rizultat dirett ta' l-incident, kif ukoll ghal dawk id-danni kollha konsegwenzjali li kien ser isofri bhala konsegwenza tad-debilita permanenti li necessarjament tincidi fost hwejjeg ohra fuq il-kapacita` lavorattiva tieghu." ("C. Galea -vs- Alb. Mizzi noe", fuq riferita);

Fil-kaz *de quo* ma rrizultawx danni diretti in rapport ghall-incident u l-ebda prova ma tressqet dwarhom. Irrizultaw pero` danni konsegwenzjali ta' certa gravita li gabu l-amputazzjoni ta' wahda mir-riglejn;

Ikun opportun li qabel tigi determinata l-komputazzjoni jittiehed rigward tas-senjalazzjoni li saret mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni fl-ismijiet "**George Gatt -vs- Francis E. Carbone *nomine***", 7 ta' Lulju 1998:-

“Il-fatt li l-appellant (il-Korporazzjoni Enemalta) qed thallas lill-appellat tax-xoghol li qed jahdem ma jfissirx li allura qed jirrizarcixxu xi danni lill-appellat ... Lanqas ma hu korrett l-appellant meta jasserixxi li l-appellat hdax-il sena wara l-incident ghadu f'impjieg garantit ghall-hajja lavorattiva tieghu kollha ghaliex minn imkien ma jirrizulta li din il-garanzija tezisti ... Id-dizabilita timplika nuqqas ta' opportunitajiet ta' xoghol alternattiv u dan in-nuqqas ta' ghazla huwa ta' zvantagg u wisq probabbli jikkaguna nuqqas ta' opportunitajiet ta' qliegh ahjar f'xoghol addattat ghal min ma ghandux dizabilita` fizika, senjatament f'kaz ta' xoghol manwali, bhal dak ta' l-attur appellat.";

F'dan il-kuntest ghalhekk il-Qorti ma taccettax il-veduta tal-konvenut *nomine* illi mis-somma likwidata ghandha titnaqqas somma ekwivalenti ghal paga li rceva l-attur minn meta issuccieda s-sinistru. Dak li rcieva f'paga l-attur dan kien certament u bi dritt intitolat ghalih. Dak li ser jigi kkunsidrat f'*lucrum cessans* huwa strettament abbinat mal-menomazzjoni permanenti ta' l-attur. Il-Qorti pero` ser tikkonsidra favorevolment il-fatt tar-recezzjoni da parte ta' l-attur tal-kumpens taht il-Personal Accident Policy, kif minnu stess accettat, skond dokument a fol. 56

tal-process, billi jekk ma taghmilx hekk l-attur ikun qed jivvantaggja ruhu ingustament, mentri hu intitolat jirrientegra biss, bir-risarciment li ser jigi likwidat, il-partimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika ta' l-event dannuz;

Jirrizulta li fid-data ta' l-incident (29 ta' Marzu 1991) l-attur kellu hamsa u erbghin (45) sena maghluqa. Id-dhul tieghu nett minn paga kien ta' Lm4600 cirka fis-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 1990 (Dok. 60). Il-Qorti qed taddotta din il-paga medja annwali ghal finijiet tal-komputazzjoni tal-qliegh futur, anke jekk hi konxja mill-fatt li xi decizjonijiet ma accettawx li jizvixxeraw il-paga gross bir-riduzzjoni ghall-Income Tax u kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Socjali (Ara sentenzi "**Avv. Dr. Giov. Bonello noe -vs- Tarcisio Gatt**", Prim' Awla, 29 ta' Jannar 1972; "**Mario Pace pro et noe -vs- Joseph Abela**", Prim' Awla, 21 ta' Mejju 1993). Ic-certifikat mediku esebit a fol. 6 tal-process u mahluf mill-kirurgu Carmel J. Sciberras li irredegieh (fol. 85) jistabilixxi persentagg ta' dizabilita` ta' sebghin fil-mija (70%). Tenut rigward ta' dak kollu fuq espost dwar ic-*chances* u c-*changes* tal-hajja l-Qorti qed tikkonsidra *multiplier* ta' hdax (11) il sena '*years purchase*' bhala wiehed gust. Il-kalkolu jwassal ghal figura ta' hamsa u tletin elf erba' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm35,420);

Billi dan l-ammont ser jithallas f'salt ghandu jkun hemm detrazzjoni minnu ta' certu persentagg. Konsiderat li l-incident sehh ormai hdax-il sena ilu u l-likwidazzjoni dovuta ghadha ma gietx effettivament determinata u mhallsa l-attur ma ghandux jigi indebitament penalizzat billi jigi applikat is-solitu persentagg ta' 20%. Il-Qorti thoss li riduzzjoni ta' disa' fil-mija (9%) tkun aktar ekwa. (Ara fost ohrajn "**Hadrien Borg -vs- Mario Caruana**", Prim' Awla, 19 ta' Frar 1993; "**Joseph Abela -vs- Martin Spagnol**", Prim' Awla, 30 ta' Marzu 1993);

Dan kalkolat iwassal ghall-figura ta' tnejn u teltin elf mitejn u tnejn u tletin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm32232.20,0) mil-liema somma jrid jigi sottratt l-ammont ta' sebat elef erba' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u

tletin centezmu (Lm7485.30,0) gja percepit mill-attur taht l-Iskema tal-polizza tal-Personal Accident (fol. 56). L-ammont nett ghalhekk dovut hu erbgha u ghoxrin elf seba' mija u sitta u erbghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm24746.90,0).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-Ewwel Domanda attrici u tiddikjara li l-konvenut *nomine* hu fi htija ghall-incident li sehh fit-Tarzna fid-29 ta' Marzu 1991 u ghad-danni konsegwenzjali subiti mill-attur;

Tilqa' wkoll it-Tieni Domanda u tillikwida l-ammont ta' erbgha u ghoxrin elf seba' mija u sitta u erbghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm24746.90,0) in linea ta' danni;

Tilqa' wkoll it-Tielet Domanda u tikkundanna lill-konvenut *nomine* jhallas lill-attur l-ammont hekk likwidat bhala danni ghal griehi personali konsiderevoli subiti mill-istess attur.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut *nomine*.

(ft) Philip Sciberras

________________________

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

______________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur